# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 178/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Rikard Darmanin**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Rikard Darmanin**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 448741(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

1. Fuq talba tad-Direttur Ġenerali (Dwana) talli fis-16 ta' Ottubru 2009, wara intervent u tfittxija li saret mill-Uffiċjali tad-Dwana fil-fond Numru 1, Labour Road, Bir id-Deheb, Żejtun, instab li, xjentement, kellu fil-pussess u taħt il-kontroll tiegħu, kif ukoll laqa' għandu, żamm jew kellu b'xi mod

x'jaqsam fil-ġarr, twarrib, ħabi jew depożt ta' 29,675 litru *gas oil* bla dazju, u dan bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern minn Dazju u t-Taxxa li jkun imiss jitħallas fuqu, u/jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dan il-*gas oil*.

Dan il-*gas oil*, li l-importazzjoni u l-pussess tiegħu huwa pprojbit u/jew ristrett u/jew limitat, għandu valur totali ta' €10,478.77, Dazju tas-Sisa u kif ukoll Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) dovuti li jammontaw għal €10,457.47 u €3,768.51, rispettivament, liema Dazju u Taxxa dovuti ma kienux gew imħallsa u/jew kawtelati.

2. Fuq talba tad-Direttur Ġenerali (VAT) talli fis-16 ta' Ottubru 2009, wara intervent u tfittxija li saret mill-Uffiċjali tad-Dwana fil-fond Numru 1, Labour Road, Bir id-Deheb, Żejtun, instab li, xjentement, kellu fil-pussess u taħt il-kontroll tiegħu, kif ukoll laqa' għandu, żamm jew kellu b'xi mod x'jaqsam fil-ġarr, twarrib, ħabi jew depożt ta' 29, 675 litru *gas oil* bla dazju, u dan bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern minn Dazju u t-Taxxa li jkun imiss jitħallas fuqu, u/jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dan il-*gas oil*.

   Dan il-*gas oil*, li l-importazzjoni u l-pussess tiegħu huwa pprojbit u/jew ristrett u/jew limitat, għandu valur totali ta' €10,478.77, Dazju tas-Sisa u kif ukoll Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) dovuti li jammontaw għal €10,457.47 u €3,768.51 rispettivament, liema Dazju u Taxxa dovuti ma kienux ġew imħallsa u/jew kawtelati.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Ġunju 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9, Artikoli 60(b)(c)(k), 62(a)(c)(f)(g)(h)(i) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37), kif ukoll Artikoli 16(i)(j) u 17(a) u r-Regolament 27 tat-Taqsima D tas-Sitt Skeda tar-Regolamenti dwar Żjut Minerali, tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta), kif ukoll Artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq Valur Miżjud (Att Nru XXIII ta' l-1998), sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u kkundannatu:

1. multa ta' €31,372.4 li terz minnha ossia €10,457.46 huma pagabbli minnufih bħala dejn ċivili lid-Direttur Ġenerali (Dwana); il-bilanċ ossia €20,914.93 għandu jitħallas skont il-liġi;

2. piena ta' xahrejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni u *ai termini* ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jibqgħu sospii għal perjodu ta' tmintax (18)-il xahar mid-data tas-sentenza; u

3. ordnat il-konfiska tal-*gas oil* skont il-liġi.

L-Ewwel Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tiegħu taħt Artikoli 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-22 ta' Ġunju 2021 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata sabiex b'hekk tillibera lill-esponenti minn kull ħtija."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jissottometti li s-soċjeta' "R D Clean Away Company Limited" kienet tagħmel negozju ta' tindif fuq livell industrijali u li kienet tixtri l-*gas oil* biex tħaddem l-inġenji tagħha. Jgħid ukoll li minn spezzjoni li saret mill-uffiċjali tad-Dwana fil-fond tal-imsemmija soċjeta' instab il-*gas oil* mertu tal-proċeduri odjerni li skont l-uffiċjali tad-Dwana kien fih perċentaġġ għoli ħafna ta' kubrit u kif ukoll *fiscal marker* tad-Dwana.

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel ri-assunt ta' dak li wassal sabiex l-appellant jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti f'dan il-każ.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Fis-16 ta' Ottubru 2009 ħames uffiċjali tad-Dwana għamlu spezzjoni fuq l-appellant u ġewwa l-fond Numru 1, Labour Road, Bir id-Deheb, Żejtun. Huma elevaw 12-il *sample* ta' *diesel* minn tankijiet tal-fuel differenti li l-appellant kellu. L-analiżi wriet li dan kien diesel tal-kuntrabandu. Ġew eżebiti n-Noti tal-Qbid, numru ta' dokumenti li jagħmlu riferenza għall-kampjuni li ħadet id-Dwana, il-*Letter to Prosecute* u kif ukoll formalment 29,675 litru ta' *gas oil*,

- **Jesmond Vella** (Uffiċjal tad-Dwana – *a fol.* 38 *et seq.*) xehed li huma marru fil-post indikat fejn jinżammu *scammels* u

trakkijiet u qal li din qisha *yard* ta' vetturi industrijali. Jispjega li sabu tankijiet konnessi ma' xulxin li jissupplixxu lill-pompa li taħdem b'żewġ *nozzles*. Jgħid li l-appellant kien qalilhom li hu jixtri l-fuel minn għand Falzon Fuel Services. Jispjega li barra milli ħadu *samples* mit-tankijiet, huma ħadu wkoll *samples* minn trakk bin-numru tar-reġistrazzjoni DAI 982. Jgħid li b'kollox ħadu tlettax (13)-il *sample* li ġew issiġġillati b'numru ta' siġilli.

- **Lawrence Cutajar** (Uffiċjal tad-Dwana – *a fol.* 43 *et seq.*) ikkonferma dak li xehed Jesmond Vella.

- **Saviour Balzan** (Uffiċjal tad-Dwana – *a fol.* 46 *et seq.*) qal li kif daħlu 'l ġewwa fil-*yard* sabu tankijiet tal-plastik (li tnejn minnhom kienu vojta) li fihom kien hemm il-fuel. Ikkonferma li kienu ħadu fuel ukoll minn trakk.

- **Brian Grima** (Uffiċjal ieħor tad-Dwana – *a fol.* 48 *et seq.*) qal li hu ħa ħsieb is-siġilli.

- **Mario Galea** (Uffiċjal ieħor tad-Dwana – *a fol.* 54 *et seq.*) xehed li għamel *evaluation* tal-fuel li kien maqbud iż-Żejtun. Eżebixxa dokument li ġie mmarkat bħala Dok. "MG" (*a fol.* 57) li juri l-valur ta' kemm kien jinbiegħ il-*gas oil* dik il-ġurnata li jkun inqabad u kemm jammonta d-dazju. Jgħid li l-valur jinħadem skont l-i*spot price* u jaħdmu wkoll il-VAT u jgħid li hemm imniżżel il-valur f'Euro għal kull litru.

- **Marie Bernardette Mallia** (analista tad-Dwana – *a fol.* 58 *et seq.*) tgħid li ċċekkjat il-preżenza ta' *solvent yellow*. Tispjega li dan huwa *marker* li jiżdied mal-*fuels* meta jkunu *duty free* biex b'hekk wieħed ikun jista' jara jekk il-fuel hux *duty free* jew le. Tgħid li mit-tlettax (13)-il kampjun mgħoddi lilha, wieħed ħareġ li kellu 0.9 – il-kampjun bin-numru 235/09 – b'dan illi ma kien hemm xejn irregolari fil-*gas oil* tal-kampjuni l-oħra. Tgħid li l-fuel normali mhux suppost li jkollu *solvent yellow*.

- **David Gauci** (*Lab Manager* tal-kumpanija Seybolt – *a fol.* 96 *et seq.*) jgħid li l-kumpanija Seybolt hija kumpanija internazzjonali li tagħmel kwantita' u kwalita' ta' żejt. Eżebixxa numru ta' dokumenti li ġew immarkati bħala Dok. "DG" sa "DG 12" (*a fol.* 100 *et seq.*). Jgħid li f'dan il-każ kellhom x'jaqsmu mad-*diesel*.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jisħaq li huwa qatt ma seta' jiġi misjub responsabbli kriminalment minħabba li n-negozju ma kienx tiegħu pero' in-negozju tal-inġenji jappartjeni lis-soċjeta' "R D Clean Away Limited". Jgħid li hu rriżenja mis-soċjeta' fl-24 ta' Settembru 2001 b'dan illi din il-Qorti għandha tieħu *judicial notice* tal-*Memorandum and Articles of Association* tas-soċjeta' imsemmija u dan biex ikun aċċertat li ġuridikament ma kellu ebda involviment. Jgħid li minkejja li spjega dan kollu lill-Uffiċjali, huma komplew dawn il-proċeduri fil-kwalita' personali tiegħu.

Illi din il-Qorti tinnota li mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti rriżulta li meta marru l-Uffiċjali tad-Dwana huma sabu lill-appellant fuq il-post u sabu wkoll diesel li rriżulta pożittiv bħala diesel tal-kuntrabandu. Minkejja li l-appellant jissottometti li hu kien irriżenja mis-soċjeta' "R D Clean Away Limited" f'Settembru 2001, dan il-punt ġie asserit <u>**biss**</u> fl-appell u minn imkien ieħor ma jirriżulta fl-atti proċesswali. Mill-atti proċesswali ma jirriżultax li d-difiża tellgħet xi xhieda jew xi dokumenti in sostenn ta' dan quddiem l-Ewwel Qorti b'dan illi din il-Qorti hija propensa tinnota wkoll li d-difiża ngħatat ħafna differimenti quddiem l-Ewwel Qorti. Din il-Qorti tinnota li l-provi għandhom ikunu ppreżentati quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi l-Qorti ser tagħmel riferenza għal partijiet minn Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jingħad hekk:

> "Kull min b'kontravenzjoni ta' din l-Ordinanza –
>
> [...]

> (f) xjentement jilqa' għandu, iżomm jew jaħbi, jew xjentement iħalli jew jittolera, jew iġiegħel jew ifittex li jiġu milqugħa, miżmuma jew moħbija oġġetti li l-importazzjoni tagħhom hija pprojbita jew limitata, jew li ma ħallsux dazju, jew oġġetti li jkunu ġew imwarrba kontra l-liġi mingħajr ħlas ta' dazju, minn maħżen ta' depożt tal-gvern jew privat jew lok ieħor ta' kustodja fejn ikunu ġew iddepożitati; jew
>
> (g) xjentement jiġi fil-pussess ta' dawn l-oġġetti; [...]
>
> jeħel, meta jinstab ħati […]."

Illi l-Qorti tinnota li ż-żewġ sub-paragrafi hawn fuq imsemmija japplikaw għall-appellant għaliex dak li nstab kien fil-pussess tiegħu. Jekk irriżenjax jew le mis-soċjeta' "R D Clean Away Limited" ma jbiddel xejn mis-sitwazzjoni fattwali li nqabad fiha hu. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant jgħid li qatt ma kellu xjenza kriminuża. Jgħid li huwa ppreżenta lill-fizzjali tad-Dwana l-irċevuti minn fejn huwa kien xtara l-*gas oil* u li dawn ġew eżebiti fl-atti proċesswali. Jisħaq li peress li s-soċjeta' kienet tikkonsma ħafna *gas oil* kienet tkun attenta minn fejn ser tixtri l-*gas oil* bil-prezzijiet tajba u jgħid li l-persuna mnejn kien jinxtara dan il-*fuel* kienu kumpaniji leċiti li jbiegħu dan il-prodott fuq is-suq u għalhekk hu ma kellux għalfejn jifhem li dak li kien qed jixtri u jaħżen kien illegali. Jsostni li fin-nuqqas ta' din ix-xjenza, l-Ewwel Qorti ma kellhiex issibu ħati.

Illi dan l-aggravju jolqot l-intenzjoni jew il-*mens rea*. F'dan l-aggravju l-appellant jirreferi għal xi rċevuti li qal li ppreżenta lill-fizzjali tad-Dwana. Minkejja li huwa jgħid li dawn l-irċevuti huma eżebiti fl-atti proċesswali, wara li din il-Qorti eżaminat il-proċess kollu tinnota li dawn l-irċevuti ma jinstabu mkien. Anke kieku għall-grazzja tal-argument kien hemm dawn l-irċevuti fl-atti

proċesswali, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni valida għala għandha tilqa' is-sottomissjoni tal-appellant li għax is-soċjeta' kienet tara minn fejn issib l-aħjar prezzijiet minħabba li kienet tuża ħafna *gas oil* allura jfisser li hu ma kellux il-*mens rea*. Il-Qorti tgħid dan peress li jirriżulta li meta saret l-ispezzjoni mertu ta' dan il-każ (u ċioè fis-16 ta' Ottubru 2009) l-appellant kien bniedem matur ta' 68 sena tenut kont li twieled fit-3 ta' Awwissu 1941 (*a fol.* 17) u peress li kien fil-mistjier ma jistax jingħad li ma kellux il-*mens rea*. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad ukoll it-tieni aggravju tal-appellant.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Rikard Darmanin u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**